KLR 42/VI/2012

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar it-Tlieta 18 ta' Diċembru 2012 fil-17.30.

PREŻENTI:- Is-Sindku, l-Av. Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Marċel Tabone, il-membri Dr. Michael Portelli, Michel Buttiġieġ, Josef Schembri u Carmel Theuma u s-Seg. Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻAT:- Il-kunsillier Joseph Debrincat,

1. Intqalet it-talba.

2. **Attivita' tal-Ewwel tas-Sena.**

Is-Sindku għarraf lill-membri li r-reklam li l-Kunsill għamel fil-*Cultural Calendar*, maħruġ mit-Taqsima tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, ma tqassamx biss mall-bullettini tal-parroċċi tar-Rabat.

Il-membri qablu li:-

i. jsir reklam fil-gażżetta 'The Sunday Times' għall-prezz ta' €1790.06 u fuq is-sit eletroniku ta' 'The Times' għall-erbatax il-ġurnata, għall-prezz ta' €377.60;
ii. jintbagħtu SMSs tal-Go u Vodafone għall-prezz ta' €337.60 li jirriklamaw din l-attivita';
iii. jinħarqu erba' kaxxi tan-nar għall-prezz ta' €700 u l-*insurance* tagħhom tiswa' €230. Din l-ispiża qed issir peress li tnaqqset l-ispiża tat-tinda l-kbira;
iv. is-*sound* ta' Pjazza Indipendenza jingħata lill-'AV Warehouse' u ta' Pjazza San Ġorġ jingħata lill-'Pro Stage Sound'. Dawn id-deċiżjonijiet ittieħdu wara l-pariri tat-tekniċi nvoluti;
v. id-dawl jiġi provdut minn Michael Buġeja. Din id-deċiżjoni ttieħdet wara l-parir tat-tekniku nvolut;
vi. il-palkijiet jintramaw minn Teddy Mizzi u t-tined minn Jean Paul Żerafa. Dawn id-deċiżjonijiet ittieħdu wara li ġew evalwati l-prezzijiet offruti fil-kwotazzjonijiet.

### 3. Żjara tal-Prim Ministru fl-okkażjoni tal-125 sena Belt Victoria

Is-Sinkdu għarraf lill-membri li din iż-żjara ser issir il-Ħadd 23 ta' Diċembru 2012 bejn it-08.45 u l-10.30. Iż-żjara se tkun tikkonsisti fi-żjara fl-uffiċini tal-Kunsill Lokali, żjara fil-bini tal-Victoria Scout Group u fl-Oratoju Don Bosco. Waqt il-ħin li jkun fil-Kunsill se ssir presentazzjoni mill-Perit Edward Scerri fuq il-proġett tal- bini mill-ġdid tal-*Playing Field* u l-proġett taċ-ċentru storiku tar-Rabat (ERDF).

### 4. Korrispondenza

Tressqet korripsondenza mingħand:-

4.1 id-Dipartiment għal-Gvern Lokali rigward l-iskema dwar attvitajiet 2012-2013. Il-Kunsill ingħata €7,000 għall-attivita' *New Year in the City*;

4.2 il-Minstru tal-Ġustizzja, Konsulotazzjoni Pubblika u l-Familja, rigward il-Kooperattiva ME2. Il-membri qablu li Anabel Spiteri li kienet parteċipi f'din l-iskema mal-Kunsill tar-Rabat terġa tiġi ngaġġata;

4.3 Transport Malta (TM) fejn inħarġu l-permessi għal:-

4.3.1 rilokazzjoni tal-parkeġġi ta'quddiem l-iskola primarja fi Triq Vajrinġa. Dawn ser jitressqu ftit sabiex ikun hemm aktar spazju liberu fil-kantuneira ma Triq Sir Arturo Mercieca;

4.3.2 *keep clear* quddiem il-bini tal-Korporazjoni għas-servizzi tal-ilma fi Triq ta' Wara s-Sur;

4.3.3 *one metre double yellow line* fil-ġnub tal-garaxx li jinsab taħt 'Home Design' fi Pjazza l-Assedju t'Għawdex;

4.3.4 *traffic management* fi Triq Kerċem kantuniera ma Triq Wied il-Lunzjata;

4.3.5 *un/loading* quddiem garaxx ta' mastrudaxxa fi Triq l-Ewropa;

4.3.6 *double yellow line* faċċata tal-garaxx ta' 'Jessica House' fi Triq Papa Ġwanni Pawlu II.

4.3.7 Ma nħariġx permess mit-TM sabiex issir *un/loading bay* fin-naħħa ta' wara tat-Teatru Aurora;

4.4 il-Kunsill Lokali ta' Kerċem rigward suġġeriment sabiex issir *traffic island* fl-*area* ta' Triq Kerċem u t-tarf tat-Telgħa ta' Majru. Il-membri qablu mas-suġġeriment;

4.5 l-Enemalta fejn ma ġietx approvata bozza ġdida qrib 'Xambekk Court' fi Triq Wied is-Seqer, minħabba li din il-parti tat-triq hi privata. Il-membri qablu li r-residenti jiġu nfurmati b'dan u jintalab permess ieħor li jkun l-eqreb għall-entratura ta' dan il-bini u li l-bozza tkun fit-triq mhux privata;

4.6 J.Portelli Projects li bgħat il-kont li baqa' jitħallas fuq il-ħajt li nbena madwar il-piċċ tal-boċċi ta' Triq it-Tabib Anton Tabone. Il-kont hu ta' €9,693.33. Dan intbagħat lill-Perit sabiex jiġi ċertifikat. Dan ix-xogħol hu nkorporat mal-iskema maħruġa mill-Awtorita' tad-Djar fuq il-*Housing Estates*;

4.7 Franco Masini li rrigrazja lill-Kunsill li ħadem sabiex twaħħlet l-irħama mad-dar ta' fejn kien jgħix Dr. Francesco Masini. Din twaħħlet fis-6 ta' Diċembru 2012;

4.8 Dr. Mario Scerri għan-nom ta' Debbie Theuma-Scerri rigward inċident li kellha quddiem il-grawnd Leli Farruġia meta żelqet bejn il-gradi fil-*water culvert*. Intalab ħlas ta' €3,855.20 li jkopri l-paga, mediċini u kalzetti u s-seftura. Il-Kunsill ser jitlob kopja tal-aħħar *tax return* tas-Sinjura Theuma-Scerri u kopji tal-ireċevuti relatati mal-mediċini, kalzetti u s-seftura;

4.9 il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fejn Joe Grima ta; 'Jorita' Triq Dun Salv Portelli , San Lawrenz, irrefera għall-kontijiet pendenti li għandu mal-Kunsill u li talab il-ħlas tagħhom fi żmien jumejn. Jekk ma jsirx dan, is-Sur Grima se jipproċedi ulerjorment kontra l-Kunsill skond il-liġi, nkluż il-ħruġ tal-mandati opportuni. Fir-ripsota tal-Avukat tal-Kunsill għandu jkun hemm li parti mhix xogħol għadu mhux lest u mhux iċċertifikat mill-Perit. Barra minn hekk il-Kunsill irid renditkont taċ-ċifra li qed jirreferi għalija s-Sur Grima li hi ta' €82,028.42. L-ittra mill-Qorti t'Għawdex intbagħtet mis-Sur Grima wara ittri li hu bagħat lid-Dipartiment għal Gvern Lokali u lil-Kunsill permezz tal-Avukat tiegħu.

## 5. Materji oħra

Il-membri qablu li:-

5.1 jinħarġu kwotazzjoni sabiex isir il-*membrane* fuq il-bejt tal-Banca;

5.2 jinxtgħel dawl dekorattiv fi Triq Palma f'dawn l-aħħar ġranet qabel il-Milied. Ta' dan għanda tingħata donazzjoni lill-Kunvent ta' San Franġisk peress li ser jintuża d-dawl tal-festa tal-Kunċizzjoni;

5.3 jittieħed il-parir tal-Perit Edward Scerri fuq:-
5.3.1 iż-żamma tal-ilma tax-xita fi Triq Muniċipju Ruman n-naħħa tar-residenza ta' Mario Zahra u Spiru Formosa;
5.3.2 Triq Mons. Luiġi Vella minħabba l-fatt li din tiżloq ħafna meta tgħamel ix-xita. Dan bil-konsegwenza li anke' vetturi ma jkunux jistgħu isuqu kif suppost. Il-Perit għandu jieħu nota sabiex dan jitniżżel fuq ir-rapport ta' meta tkun qed issir iċ-ċertifikazzjoni tal-pagament tat-tarmak ta' din it-triq. Ix-xogħol kien sar minn Gatt Tarmac.

Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-membri li:-

5.4 fit-18 ta' Diċembru 2012 fl-10.00 kien hemm l-ewwel seduta tal-kawża li l-Kunsill fetaħ kontra Gatt Asphalting Ltd. rigward ix-xogħol li kien sar mit-tieni Kunsill fi Triq 8 ta'Diċembru;

5.5 l-Kunsill irċieva kopja taċ-ċertifikat tat-testijiet mingħand Solidbase Laboratory Ltd. li saru fuq il-materjal li jrid jintuża għall-*playing field*. Dan għandu jintbgħat lill-Perit sabiex jikkonkludi fuqu.

Il-laqgħa spiċċat fis-19.00. laqgħa orħra ser issir nhar il-

Dr Samuel Azzopardi
Sindku

Miriam Attard
Seg. Eżekuttiv